

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Ottubru 2021 – Sigma Alimentos Exterior SL vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-50/19 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell – Ghajjnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Sistema fiskali – Dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji li jippermettu lill-impriżi ddomiċiljati fi Spanja għall-finijiet ta' taxxa jamortizzaw l-avvjament li jirriżulta minn akkwisti ta' ishma f'impriżi ddomiċiljati barra minn dan l-Istat Membru għall-finijiet ta' taxxa – Kunċett ta' "ghajjnuna mill-Istat" – Kundizzjoni dwar is-selettività – Sistema ta' referenza – Deroga – Differenza fit-trattament – Ġustifikazzjoni tad-differenza fit-trattament)*

(2021/C 481/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Appellanti:* Sigma Alimentos Exterior SL (rappreżentanti: inizjalment minn M. Linares-Gil u M. Muñoz Pérez, abogados, sussegwentement minn M. Muñoz Pérez, abogado)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal, B. Stromsky, C. Urraca Caviedes u P. Němečková, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-appellanti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: R. Kanitz u J. Möller, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Sigma Alimentos Exterior SL, hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 112, 25.03.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Ottubru 2021 – World Duty Free Group SA, li kienet Autogrill España SA (C-51/19 P), Ir-Renju ta' Spanja (C-64/19 P) vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, L-Irlanda**

(Kawżi magħquda C-51/10 P u C-64/19 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell – Ghajjnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Sistema fiskali – Dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji li jippermettu lill-impriżi ddomiċiljati fi Spanja għall-finijiet ta' taxxa jamortizzaw l-avvjament li jirriżulta minn akkwisti ta' ishma f'impriżi ddomiċiljati barra mill-pajjiż għall-finijiet ta' taxxa – Kunċett ta' "ghajjnuna mill-Istat" – Kundizzjoni dwar is-selettività – Sistema ta' referenza – Deroga – Differenza fit-trattament – Ġustifikazzjoni tad-differenza fit-trattament)*

(2021/C 481/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Appellanti:* World Duty Free Group SA, li kienet Autogrill España SA (rappreżentanti: J. L. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, R. Calvo Salinero u A. Lamadrid de Pablo, abogados (C-51/19 P), Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment minn A. Rubio González u A. Sampol Pucurull, sussegwentement minn S. Centeno Huerta u S. Jiménez García, aġenti (C-64/19 P)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal, B. Stromsky, C. Urraca Caviedes u P. Němečková, aġenti), Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller u R. Kanitz, aġenti), L-Irlanda

### Dispożittiv

- 1) L-appelli huma miċħuda.
- 2) World Duty Free Group SA u r-Renju ta' Spanja għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 112, 25.03.2019.

---

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Ottubru 2021 – Banco Santander SA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-52/19 P) (<sup>1</sup>)

*(Appell – Għajjnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Sistema fiskali – Dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji li jippermettu lill-impreżi ddomiċiljati fi Spanja għall-finijiet ta' taxxa jamortizzaw l-avvjament li jirriżulta minn akkwisti ta' ishja f'impreżi ddomiċiljati barra minn dan l-Istat Membru għall-finijiet ta' taxxa – Kunċett ta' "għajjnuna mill-Istat" – Kundizzjoni dwar is-selettività – Sistema ta' referenza – Deroga – Differenza fit-trattament – Ġustifikazzjoni tad-differenza fit-trattament)*

(2021/C 481/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

*Appellanti:* Banco Santander SA (rappreżentanti: J.L. Buendía Sierra, Abad Valdenebro, R. Calvo Salinero u A. Lamadrid de Pablo, abogados)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal, B. Stromsky, C. Urraca Caviedes u P. Němečková, aġenti)

### Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Banco Santander SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 112, 25.03.2019.